



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Marzu 2019
(OR. en)

6847/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0043 (NLE)

FRONT 80
COWEB 28

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Status bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Status
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro
dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea
għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punti (b) u (d) tal-Artikolu 77(2) u l-punt (c) tal-Artikolu 79(2), flimkien mal-punt (a)(v) tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ...(għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/...¹⁺ il-Ftehim ta' Status bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro (il-'Ftehim') ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (2) Bħala riżultat tal-Ftehim, it-timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta, f'konformità mal-pjan operazzjonali, ikunu jistgħu jiġu skjerati malajr fit-territorju tal-Montenegro, jirrispondu għall-bidla attwali fil-flussi migratorji lejn ir-rotta kostali, jassistu fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni u fil-ġlida kontra t-traffikar ta' migranti irregolari.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/ ...ta' ...dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Status bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro (ĠU L ...)

⁺ ĠU: daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument st 6845/19 u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim.

- (3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jhux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE¹; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE²; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jipparteċipaw f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

- (5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew marbuta bl-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Status bejn l-Unjoni Ewropea u Montenegro dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 12(1) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
